PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

10.12.2007 PE398.443v01-00

EMENDI 1-8

Abbozz ta' opinjoni (PE398.443v01-00)
Jean-Marie Cavada
It-Trattat ta' Liżbona: l-impatt tat-Trattat il-ġdid fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Intern fuq l-acquis u fuq proċeduri li għaddejjin
(2007/2286(INI))

Emenda mressqa minn Iliana Malinova Iotova

Emenda 1
Paragrafu 1, punt (g)

g) li tittejjeb it-trasparenza u r-responsabilità fir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u ċ-ċittadini, is-soċjetà ċivili, il-partiti politiċi u l-parlamenti nazzjonali. ***F'dan ir-rigward, huwa ta' benefiċċju kbir il-fatt li*** għall-politiki relatati ma' l-FSJA ġie stabbilit reġim speċifiku li permezz tiegħu il-Kummissjoni, il-gvernijiet nazzjonali u l-Parlament Ewropew u dawk nazzjonali se jkunu involuti fl-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' dawk il-politiki fl-UE. ***Fir-rigward tat-tmexxija tajba fl-UE, il-Parlament jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iħaffu l-pass tad-deliberazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni prattika tal-'Prosekutur Pubbliku Ewropew' li hemm ippjanat, bħala prerekwiżit ewlieni għar-realizzazzjoni tal-miri stipulati fl-ewwel sentenza ta' dan il-punt.***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 2
Paragrafu 2, punt (d a) (ġdid)

da) ***Barra minn hekk, ir-Renju Unit u l-Irlanda se jkunu jistgħu jagħżlu li ma jipparteċipawx fi proposti li jemendaw miżuri tat-Titolu IV li preċedentament kienu għażlu li jipparteċipaw fihom, u mhux se jkunu marbuta b'regoli ġodda ta' ħarsien tad-dejta adottati fuq il-bażi tad-dispożizzjoni l-ġdida tat-trattat, fejn ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex marbuta bir-regoli sostantivi dwar il-koperazzjoni bejn il-pulizija u dik ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali.***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 3
Paragrafu 3, inċiż 1

a) jinfurmaw liċ-ċittadini ta' l-UE dwar id-drittijiet il-ġodda tagħhom u dwar il-qafas legali l-ġdid ta' l-UE ***u, bl-istess mod, l-Istati Membri qed jiġu mistiedna jniedu kampanji ta' informazzjoni fuq skala miftuħa u jintroduċu taħriġ professjonali speċifiku għall-ġudikaturi nazzjonali u s-servizzi tas-sigurtà bl-għan li tiġi evitata d-diskriminazzjoni illegali kollha bejn iċ-ċittadini Ewropej,***

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 4
Paragrafu 3, inċiż 2

b) jassoċjaw lill-Parlamenti nazzjonali fid-definizzjoni tal-programm plurijennali li jmiss ta' l-FSJA; ***iqis li din l-assoċjazzjoni tista' sseħħ bl-aktar mod xieraq permezz ta'***

- fora informali (bħall-Grupp "Future" li se jiltaqa' perjodikament matul is-sitt Presidenzi tal-Kunsill fl-2008 u fl-2009)

- it-trażmissjoni formali, regolari u f'waqtha tat-testi preparatorji leġiżlattivi kollha, mill-proposti leġiżlattivi oriġinali 'l quddiem, sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni bejn il-parlamentari nazzjonali u bejn iċ-ċittadini Ewropej;

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 5
Paragrafu 3, inċiż 3

c) imexxu n-negozjati fl-2008 għall-adozzjoni fil-bidu ta' l-2009 tal-miżuri kollha meħtieġa bħala bażi biex titnieda b'suċċess l-FSJA il-ġdida mill-Parlament il-ġdid elett mill-2010; ***filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu r-riżervi nazzjonali u/jew parlamentari li saru fir-rigward ta' numru ta' proċeduri leġiżlattivi, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jerġgħu jeżaminaw, mill-perspettiva tal-bażijiet legali l-ġodda introdotti mit-Trattat ta' Liżbona u filwaqt li jiġi kkunsidrat id-dibattitu politiku, it-testi leġiżlattivi li ġejjin:***

Drittijiet ġenerali

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar drittijiet proċedurali (2004/0113(CNS))

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Ħarsien tad-Dejta għal skopijiet ta' sigurtà (li għandha tiġi integrata fir-reviżjoni tad-Direttiva 95/46) (2005/0202(CNS)) (riżervi parlamentari minn DK, IE, NL, SE u UK).

Koperazzjoni ġudizzjarja

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofobija (2007/2067(CNS)) (riżervi parlamentari minn SE, NL, DK, IE u LV)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar deċiżjonijiet "in absentia" (għad trid tiġi mressqa)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-Mandat Ewropew għall-Provi (2003/0270(CNS)) (riżervi parlamentari minn SE u DK)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kundanni (2005/0018(CNS)) (riżervi parlamentari minn SE, NL u IE)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar ordnijiet ta' superviżjoni fi proċeduri ta' qabel il-kawża (2006/0158(CNS))

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar l-iskambju ta' l-informazzjoni meħuda mill-kondotta kriminali (2005/0267(CNS)) (riżervi parlamentari minn SE, FI, NL, IE, EL u DK)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-EUROJUST (għad trid tiġi mressqa).

Koperazzjoni bejn il-Pulizija

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata (riżerva parlamentari minn SE)

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar l-aċċess għad-dejta tal-VIS għal skopijiet ta' sigurtà (li għandha tiġi integrata bħala emenda għar-Regolament dwar il-VIS) (2005/0232(CNS))

- ***- Deċiżjoni ta' Qafas dwar l-aċċess għall-EURODAC għal skopijiet ta' sigurtà (li għandha tiġi integrata bħala emenda għar-Regolament dwar il-VIS) (2006/0310(CNS))***

- Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-EUROPOL (il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew hija pendenti)

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 6
Paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Jiddikjara r-rieda tiegħu li jipparteċipa, fi spirtu ta' koperazzjoni mal-Kummissjoni u mal-Presidenza tal-Kunsill, fl-abbozzar mill-ġdid ta' dawn il-proposti matul l-2008, u jirriżerva d-dritt tiegħu li jagħmel kwalunkwe rakkomandazzjonijiet formali meħtieġa biex jittejjeb il-ftehim politiku li diġà intlaħaq, kif previst fl-Artikolu 39 tat-Trattat UE; għal dan il-għan, jipproponi l-ħolqien ta' grupp ta' ħidma ta' livell għoli mill-bidu ta' l-2008, li jkun kompetenti li jiddiskuti b'mod miftuħ it-titjib li għandu jsir fit-testi msemmija hawn fuq.

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 7
Paragrafu 3 b (ġdid)

3b.
Jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni tal-Konferenza li tikkonċerna l-artikolu 10 tal-Protokoll dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali (Dikjarazzjoni 39a) u jistieden lill-Kummissjoni biex tibda x-xogħol fuq l-emendar jew is-sostituzzjoni ta' atti legali li diġà jidhru li mhumiex sodisfaċenti jew li mhumiex effettivi (bħall-Konvenzjoni dwar l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali jew testi oħra li l-esperjenza wriet li jistgħu jittejbu), u dan sa mill-2008;

Or. en

Emenda mressqa minn Jean-Marie Cavada

Emenda 8
Paragrafu 3 c (ġdid)

3c. Jikkunsidra li, mill-2008, il-Parlament għandu jiġi regolarment infurmat u kkonsultat dwar il-programmi u l-ftehimiet ewlenin li jikkonċernaw Pajjiżi terzi, bħaz-zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mar-Russja, l-istrateġija internazzjonali kontra t-traffikar tal-bnedmin, u kwistjonijiet li huma relatati mat-traffikar u l-prevenzjoni tad-drogi u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, anke fejn tali konsultazzjoni mhix obbligatorja;

Or. en